**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Rikors Nru: 56/2020 LC

**OK LIMITED**
(C-3506)

*VS*

**MATTHEW DIMECH** (K.I. 206384M)
**DIANDRA DIMECH** (K.I. 104588M)

**Illum, 24 ta' Mejju 2022**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż ippreżentat mis-soċjetà OK Limited (C-3506), datat it-12 ta' Mejju 2020 fejn talbet lil dina l-Qorti tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' ħamest'elef, tmien mija u disgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€5,859.25) rappreżentanti l-prezz tal-merkanzija mibjugħa u kkonsennjata lilkom, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 2019 (Dok A) bl-imgħax legali mid-data tal-kunsinja tal-imsemmija merkanzija sad-data tal-pagament effettiv;

Rat illi l-intimat Matthew Dimech ġie notifikat bl-atti odjerni fit-22 ta' Awwissu 2020[1] iżda minkejja dan, baqa' ma ssottometta ebda risposta;

[1] Ara fol .24 tal-Atti proċesswali.

Rat illi l-intimata Diandra Dimech ġiet notifikata bl-atti odjerni fid-29 ta' Ottubru 2020 u ssottomettiet ir-risposta tagħha fejn tat eċċezzjoni waħda, senjatament li s-somma reklamata m'hijiex dovuta;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza ġiet imħollja għal-lum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mill-affidavit ta' Mark Zammit Marmarà[2], Chief Executive Officer tas-soċjetà rikkorenti jirriżulta li fi Frar 2018, l-intimati avviċinaw lis-soċjetà rikorrenti sabiex jixtru diversi light fittings għall-lukanda li dak iż-żmien kienu qed jiġġestixxu. L-intimati għamlu diversi ordnijiet varji li b'kollox jammontaw għal €4,335.02 iżda bejn pagamenti li għamlu u bejn xi *credit notes* maħruġa għal merkanzija ritornata, l-intimati sa dak iż-żmien kellhom kreditu totali ta' €688.78.

Illi f'April 2019, l-intimati reġgħu avviċinaw lis-soċjetà rikorrenti sabiex jixtru diversi *light fittings* u għamara oħra din id-darba għal restaurant li huma kienu ser jibdew jiġġestixxu. Għamlu diversi ordnijiet li b'kollox jammontaw għal €10,017.52 iżda bejn il-kreditu li diġà kellhom u bejn xi pagamenti li għamlu, fadlilhom bilanċ x'jagħtu lis-soċjetà rikorrenti ta' €5,859.25[3].

Zammit Marmarà jgħid li minħabba li qatt ma kellhom problemi biex iħallsuhom, is-soċjetà rikorrenti kienet akkordatilhom *credit terms* sabiex ir-restaurant jiġi fuq saqajħ. Ġara, madanakollu, li wara ftit xhur l-intimati waqfu jirrispondu t-telefonati u saħansitra qalulhom li kellhom proċeduri legali bejniethom u li r-responsabilità kienet se tkun esklussivament ta' Diandra Dimech.

---

[2] A fol. 35 et seq. tal-atti proċesswali.
[3] Skont ma jirrizulta minn Dok "OK 6" a fol. 73 tal-atti proċesswali.

Illi f'Jannar 2020, Zammit Marmarà ikkuntattja lil Diandra Dimech u ġie informat li hi m'għadhiex involuta fil-ġestjoni tal-lukanda u tar-restaurant għal aktar minn ħames xhur u kien f'dak il-punt li s-soċjetà rikorrenti ddeċidiet tipproċedi ulterjorment kontra l-intimati.

Ikkonsidrat;

Illi l-intimat Matthew Dimech ma ssottometta ebda risposta għat-talba tar-rikorrenti u lanqas ma deher, personalment jew tramite l-konsulent legali tiegħu, quddiem din il-Qorti u dan minkejja li kien debitament notifikat.

Illi fir-rigward tal-posizzjoni ta' Matthew Dimech, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe**[4]:

> *"hu risaput li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni u sa hawn allura l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu l-premessi għalihom."*

Dan effettivament ifisser li minkejja li Matthew Dimech ma ppparteċipax f'dawn il-proċeduri, la attivament u lanqas passivament, ma jfissirx awtomatikament li t-talba attriċi għandha tintlaqa' awtomatikament u b'hekk jeħtieġ li s-soċjetà attriċi tipprova t-talbiet tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi l-intimata Diandra Dimech, da parti tagħha, ssottomettiet ir-risposta tagħha iżda naqset milli tippreżenta l-provi tagħha in kontestazzjoni għat-talba attriċi. Illi filfatt, mikejja li hi eċċepiet li "*s-somma reklamata mhux dovuta, u dan kif ser jiġi muri fit-trattazzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti*" hi ma ressqet ebda prova jew sottomissjoni sabiex turi lil din il-Qorti għal liema raġuni s-somma reklamata m'hijiex dovuta.

---

[4] **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe**, Qorti tal-Appell, 27 ta' Marzu, 1996,

Ikkonsidrat;

Illi s-soċjetà rikorrenti, tramite l-affidavit taċ-Chief Executive Officer tagħha ikkonfermat bil-ġurament illi l-ammont reklamat għadu dovut. Filfatt, jirriżulta mis-*Sales Ledger Transactions*[5] ppreżentat minnha li l-ammont reklamat huwa riżultat tas-sitt fatturi hawn elenkati, wara li tnaqqas bilanċ minn *credit notes* preċedenti flimkien ma' żewġ *credit notes* ulterjuri fl-ammont ta' €237 u €232.49 rispettivament. Il-fatturi huma:

(i) Fattura numru 47767, datata 6 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €492.50;
(ii) Fattura numru 47769, datata 6 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €6,750.78
(iii) Fattura numru 47770, datata 6 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €114.40
(iv) Fattura numru 47919, datata l-20 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €302.40
(v) Fattura numru 47929, datata l-20 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €72.99
(vi) Fattura numru 47955, datata l-20 ta' Ġunju 2019 għall-ammont ta' €148.81

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll diversi emails li jagħtu piż lill-verżjoni tagħha tal-fatti. Jirriżulta, di più li kemm Matthew Dimech kif ukoll Diandra Dimech ikkontrattaw mas-soċjetà rikorrenti dwar l-istess fatturi u b'hekk huma entrambi responsabbli versu l-istess soċjetà.

Illi l-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen il-verżjoni attriċi u b'hekk jidrilha li s-soċjetà attriċi irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat:

[5] Dok OK 6, a fol. 128 tal-atti proċesswali.

Illi fir-rigward tal-imgħax, is-soċjeta rikorrenti titlob li dan jibda jiddekorri “mid-data tal-kunsinnja tal-imsemmija merkanzija sad-data tal-pagament effettiv” Bit-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti qed tibbaża fuq id-dispost tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jistipola li *“Jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita”*

Illi sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta’ natura kummerċjali jew ta’ natura purament ċivili.

L-Artikolu 4 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta’ Malta jistipola, *inter alia*, li persuni kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f’isimhom atti tal-kummerċ filwaqt li l-artikolu 7 tal-istess Kap jistipola li kull att ta’ kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, ħlief meta mill-att stess ikun jidher li hu m’għandux x’jaqsam mal-kummerċ.

Illi jirriżulta ċar li l-akkwisti li għamlu l-intimati kienu intiżi sabiex jintużaw fl-attvità kummerċjali tagħhom ta’ restaurant u b’hekk il-Qorti hija sodisfatta li l-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa applikabbli għall-vertenza odjerna.

Il-Qorti, madanakollu ma ngħatat ebda data ta’ meta saret il-konsennja tal-oġġetti akkwistati mill-intimati. Di più, peress li l-bilanċi tal-fatturi ġew affettwati minn krediti preċedenti, huwa diffiċli li jiġi stabbilit il-bilanċ dovut wara l-ħruġ ta’ kull fattura. Li hu żgur għall-Qorti, però, hu li fid-data tal-applikazzjoni tal-aħħar credit note, ossija s-26 ta’ Lulju 2019, l-ammont dovut kien dak ta’ €5,859.25.

B’hekk, fid-dawl ta dan in-nuqqas ta’ dati, il-Qorti ser tieħu approċċ l-aktar favorevoli għall-intimati billi tieħu d-data tas-26 ta’ Lulju 2019 bħala d-data ta’ meta saret il-kunsinna tal-oġġetti akkwistati mill-intimati.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjetà OK Limited u tikkundanna lil Matthew Dimech u lil Diandra Dimech, *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà OK Limited is-somma ta’ ta’ ħamest’ elef, tmien mija u disgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€5,859.25).

Bl-imgħax legali mid-data tas-26 ta’ Lulju 2019 sad-data tal-pagament effettiv

Bl-ispejjeż tal-preżenti, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali datata 7 ta’ Novembru 2019 (Ittra Nru 2325/2019) ikunu a karigu esklussiv tal-intimati *in solidum*.

**Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

Sharonne Borg
Deputay Reġistratur